**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Mark Anthony Mercieca)**

**(Spettur Lara Butters)**

**Vs**

**Stefan Cutajar**

Kaz Nru: 207/2016

Illum 14 ta' Ottubru 2019

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Stefan Cutajar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 203984M:

1. Billi inti akkuzat talli fis-26 ta' Marzu 2016, gewwa Triq Oscar Zammit, Msida f'xi hin filghodu, ikkommettejt serq minn gewwa vettura HBL 786 tal-ghamla Peugeot li hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u anka bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94 euro) izda inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37 euro); Art 267, 271 tal-Kap 9;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamilt hsara volontarja li tammonta ghal somma ta' 120.36 euro fil-vettura tal-ghamla Peugeot

bin-numru tar-registrazzjoni HBL 786 proprjeta' ta' Ivan Micallef, ai termini tal-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess data, f'dawn il-Gzejjer, f'diversi hinijiet tal-gurnata kellek fil-pussess tieghek id-droga Herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Talli rrendejt ruhek recediv wara li gejt misjub hati b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2016 ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u li fis-seduta tallum huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li inghata zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat li fl-istess seduta d-difiza talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Att Numru 1 tas-sena 2015.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Frar 2017 din il-Qorti tat Digriet fejn laqghet it-talba tad-difiza sabiex din il-Qorti tigi kkonvertita f'Qorti dwar id-Droga.

Rat in-nota tal-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fejn il-Qorti giet infurmata li l-Bord kien sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni tal-imputat li ntemm b'success.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, l-ammissjoni bikrija u l-fatt li hadem fuq il-vizzju tad-droga tant li inkwantu ghal dan il-kaz il-Qorti giet infurmata li mill-Bord li l-imputat temm il-process ta' riabilitazzjoni b'success. Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tpoggi lill-imputat that Ordni ta' Probation.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c )(g), 267, 271(g), 279(a), 280(1), 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-4 u s-6 Taqsima u l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn millum skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegati lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

**Dr Josette Demicoli**

**Magistrat**